# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/1126

## tat-8 ta’ Ġunju 2023

## li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/1686 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da’esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 tal-20 ta’ Settembru 2016 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da’esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 4(1) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta’ Settembru 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/1686.

(2) Fis-26 ta’ April 2023, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabbilit skont ir-Riżoluzzjonijiet 1267(1999), 1989(2011) u 2253(2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU żied żewġ persuni mal-lista ta’ persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) Fit-3 ta’ Mejju 2023, dawk il-persuni ġew miżjuda mal-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 ([2]).

(4) Peress li waħda minn dawk il-persuni kienet diġà ddeżinjata skont ir-Regolament (UE) 2016/1686, jenħtieġ li dik il-persuna titneħħa mill-Anness I għal dak ir-Regolament.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/1686 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2016/1686 huwa emendat kif imniżżel fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 255, 21.9.2016, p. 1.

([2]) Ir- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta’ Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-ISIL (Da’esh) u mal-organizzazzjoni Al-Qaida (ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-8 ta' Ġunju 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. MALMER STENERGARD

*ANNESS*

L-entrata li ġejja titħassar mill-Anness I għar-Regolament (UE) 2016/1686 taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 3"

"9. Sultan Aziz AZAM (magħruf ukoll bħala Aziz Azam, Sultan Aziz, Sultan Azziz Azzam, Sultan Aziz Ezzam); data tat-twelid: 1985; post tat-twelid: Afghanistan; nazzjonalità: Afghan."